**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 20 ta' Novembru, 2017**

Numru 2

**Appell Nru. 15/2017**

**Brian Borg u Marisa Cassar**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u**
**kjamat in kawza George Saliba**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tat-terzi interessati Borg u Cassar tas-17 ta' Lulju 2017 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-27 ta' Gunju 2017 fejn it-Tribunal cahad it-talba ghar-revoka tal-permess ta' zvilupp PA1831/15 ai finijiet tal-artikolu 77 tal-Kap. 504;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li preliminarjament issottomettiet illi terz interessat ma jistax iressaq talba ghal thassir ta' permess taht l-artikolu 77 tal-Kap. 504 peress li

din hi prerogativa tal-Awtorita u lanqas jista' jappella minn decizino tat-Tribunal fuq l-istess artikolu. L-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta tal-appellat li ssottometta li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata ghax gusta;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

> Ikkunsidra:
> It-tribunal ghandu quddiemu talba ghal revoka tal-permess PA 1831/15. Din it-talba hija ai finijiet tal-artikolu 77 tal-Kap 504 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-fatti li skond ir-rikorrenti ghandhom iwasslu ghal tali revoka huma:
> i. Illi fil-kors tal-applikazzjoni l-applikant kien iddikjara illi Grima Dolores u Grima Michel'Angelo kienu jirrisjedu fin-numru 1 Taflija Street, Xewkija.
> ii. Illi fl-istess inhawi hemm proprjeta' ohra li hija indikata bhal 1 Taflija Street Xewkija.
> iii. Illi minn analizi li sar mir-rikorrenti kkonkluda illi jidher car illi l-proprjeta' li fiha kienu jabitaw il-genituri ta' Paul Grima li kien il-venditur fil-kuntratt tas-sena 1991 mhix dik mertu tal-applikazzjoni odjerna izda proprjeta' ohra.
> iv. Il-kuntratt imsemmi tal-1991 huwa l-kuntratt pubbliku li permezz tieghu certu Paul Grima biegh u ttrasferixxa lil Joseph Vella Gaffiero il-proprjeta' 1 Taflija Street, Xewkija.
> v. Ghalhekk il-kuntratti esibiti mill-applikant qatt ma setghu iwasslu sabiex l-imsemmi Michael Grima kien jabita f'dan il-fond fis sena 1952 u cioe' 40 sena wara li Giuseppina Azzopardi kienet assenjat il-fond lil Emanuel Cauchi.
>
> L-Applikant Jghid li dan ir-ragunament huwa zbaljat.
> i. Illi l-premessa essenzjali f'din it-tezi hija li l-fond numru 1 Triq it-Taflija Xewkija kien, jew ghall-inqas seta kien, dak mibjugh lil Diana Hampson. Ghalhek it-tezi tar-rikorrenti tippressuponi illi t-triq li ghal fuqu ghandu faccata dak il-fond kienet xi darba maghrufa bhala Triq Taflija
> vi. Din it-tezi tar-rikorrenti tohrog mill-kuntratt tal- 4 ta' Settembru 1991 fejn dak il-fond huwa mnizzel bhala "in Taflija Street, marked number one (1) and named Ghawdexvilla".
> vii. L-applikant jghid li l-interpretazzjoni tirrizulta zbaljata kif jidher fil-kuntratt tal-15 ta' Lulju 1997 li bih Diana Hamson bieghet l-istess fond lil Joseph u Anne Azzopardi fejn hemm riferenza ghal " the tenement number one (1) and named Ghawdexvilla in Triq ix-Xewkija sometimes referred to as Taflija Street or Ghajn Qajet street limits of Xewkija.
> viii. L-applikant esebixxa survey sheet li jikkonferma li Taflija Street minn dejjem kienet it-triq li tinsab fuq in-naha tal-lemin tal-lvant tal-fond oggett tal-applikazzjoni.
> ix. Oltre dan, skond l-applikant (fost affarijiet ohra).

• Ir-rikorrenti stess xtraw il-fond "numbered two (2) other times referred to as Razzett ta' Marinton, in Triq it-Taflija in the limits of Xewkija, Gozo…the hole bounded on the east in part by Triq it-Taflija.
• Fi kuntratt iehor l-istess fond (23.03.1978) huwa deskritt bhala fond 4 u 5 ta' Taflija Road limiti ta' Victoria.
• L-ordni numerika konklussiva minn dawn il-kuntratti u ohrajn huwa li in numru 1 huwa d-dar tal-applikant, numru 2 huwa d-dar tar-rikorrenti, numru 3 hija karma li originarjament ukoll kienet tappartjeni lil Emanuel Cauchi, in numru 4 u 5 hu dak tal-oggett tal-kuntratt tal-1978.

Ulterjorment in-nutar Dr. Mariosa Grech xehdet illi il-kuntratt li kienet ghamlet jaqbel mas-sit li huwa parti mill-applikazzjoni. Dana ikkonfermatu wara li ezaminat il-karti li kellha fil-mument li giet imharrka biex tixhed.

Irid jizdied ukoll illi kien xehed certu Michael Cauchi ta' 76 sena li kien abitwali tal-fondi n mertu. Spjega li kien hemm dar partikolari li kienet tappartjeni lil certu Gianni l-bazwi. Dan il-fond kien fi kantuniera u l-entrata tieghu huwa minn Triq Taflija. Mistoqsi direttament qatt marx f'dan il-post ftakar li dejjem jafu zdingat u kien hemm mandra jahdmuha. Ma ftakarx li xi hadd qatt ghex f'dan il-post. Ghamel tmienja u hamsin sena l-Awstralja ghalkemm kien gie Malta xi seba darbiet fl-ahhar ghaxar snin.

Wara din ix-xhieda l-partijiet ghamlu sottomissjonijiet finali u analizi ulterjuri. Is-sottomissjonijiet huma fl-ahhar mill-ahhar konkluzzjoni differenti tal-istess dokumentazzjoni u xhieda relattiva. Ir-rikorrenti jikkonkludi billi jghid li tenut kont ta' dak kollu li gie fornut bhala dokumentazzjoni l-applikant kien fornixxa lill-Awtorita' informazzjoni zbaljata u qarrieqa.

L-applikant, fuq l-istess dokumentazzjoni, jikkonludi li huwa ma pprovda ebda informazzjoni, dikjarazzjoni jew planta li hija falza qarrieqa jew mhix korretta.

Konsiderazzjonijiet Legali u fattwali:
L-artikolu li fuqu huwa bbazat ir-rikors in mertu huwa l-artikolu 77 tal-kap 504 li, fil-partijiet essenzjali taghha jghid:
"77. (1) L-Awtorità jew it-Tribunal jista', fil-kazijiet biss ta' frodi jew fejn is-sigurtà pubblika hija koncernata jew fejn ikun hemm zball f'dokument li jidher minn ezami tal-istess dokument, b'decizjoni tirrevoka jew tibdel kull licenza jew permess ghall-izvilupp moghti skont dan l-Att, inkluza kull awtorizzazjoni mahruga mill-Awtorità skont xi Ordni, filwaqt li fid-decizjoni taghti r-ragunijiet taghha ghal dik id-decizjoni; u, qabel ma tiddeciedi li tirrevoka jew tibdel licenzja jew permess ghall-izvilupp kif provdut f 'dan is-subartikolu, l-Awtorità jew it-Tribunal, skont kif ikun il-kaz, ghandhom jgharrfu lil dik il-persuna li tkun se tintlaqat minn dik id-decizjoni bid-data u bil-hin tal-laqgha taghha fejn l-Awtorità jew it-Tribunal ghandhom jisimghu s-sottomissjonijiet ta' dik il-persuna jekk din taghzel li tattendi, u s-sottomissjonijiet ta' kull persuna ohra:

Izda l-Awtorità jew it-Tribunal jistghu f'kaz ta' kull licenza jew permess tal-izvilupp, inkluza kull awtorizzazjoni mahruga mill-Awtorità skont xi Ordni, mahruga wara d-data ta' dhul fis-sehh ta' dan l-Att jibdew proceduri sabiex

jirrevokaw jew jimmodifikaw dik il-licenza jew permess tal-izvilupp inkluza kull awtorizzazjoni mahruga mill-Awtorità skont xi Ordni, fi zmien hames snin mid-data tal-hrug tal-licenza jew permess tal-izvilupp, inkluza xi awtorizzazjoni mahruga mill-Awtorità skont xi Ordni.

(2) Ghall-fini tas-subartikolu (1): "frodi" tfisser is-sottomissjoni lill-Awtorità ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li abbazi taghha l-Awtorità tkun harget licenza jew permess ghall-izvilupp meta dik l-informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta hija falza, qarrieqa jew mhux korretta, sew jekk dak l-ingann ikun ir-rizultat ta' att doluz jew negligenti."

Ir-rikors li wassal ghal dawn il-proceduri huwa bbazat fuq dikjarazzjoni zbaljata sottomessa mill-applikant liema informazzjoni kellha effett materjali fuq id-decizjoni mehuda mill-Awtorita' ghar-rigward tal-Applikazzjoni in mertu. Fis-sottomissjonijiet din giet iddettaljata sabiex tirrifletti l-artikolu kwotat ossia illi l-applikazzjoni kien fiha informazzjoni zbaljata u qarrieqa.

It-Tribunal ghalhekk irid jezamina jekk fattwalment l-applikanti ghamel sottomissoni ta' informazzjoni zbaljata u qarrieqa. Mill-Atti dana ma jirrizultax.

L-interpretazzjoni illi it-Tribunal jaghti lil dawn il-fatti huwa li johrog bl-aktar mod lampanti li f'ebda mument waqt il-processar tal-applikazzjoni l-applikant ipprovda informazzjoni zbaljati jew qarrieqa. Importanti f'dan il-kuntest li jigi sottolineat l-interpretazzjoni li trid tinghata lill-artikolu n mertu . Il-ligi stess tghid li l-ingann relattiv irid ikun frott ta' att doluz jew negligenti. Il-ligi tuza l-kelma "ingann". Din il-kelma ghandha sinifikat li twassal ghal certu ragunament minhabba x-xembjanzi mat-truffa li hemm fil-ligi kriminali - ghalkemm l-elementi rikjesti ghal frodi (truffa) fil-Ligi ta' Pjanar mhumhiex l-istess bhal fil-ligi kriminali.

Riferenza ghal giudikati tal-Qrati taghna ghandha ssir f'dan is-sens biex iservu ta' gwida.

Fil-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. Agius) fit-22 ta' Frar 1993, Il-Pulizija vs Charles Zarb gie spjegat:
"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ' Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi '..".

Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u intelligenza ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi."

Ukoll:
Qorti ta' l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004):
"L'agente ' deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."

Ukoll
Il-Pulizija vs Carmela German 30.12.2004 u Il-Pulizija vs Anthony Bezzina 24.11.2010:
"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bilkonsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija vs Emmanuele Ellul, App Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija vs Danel Frendo, App Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli lvittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija vs Carmel Cassar Parnis, App Krim., 12/12/59, Vol XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'"raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, Il-Pulizija vs Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol XLIII.iv.1137; IL-Pulizija vs Francesca Caruana , App Krim., 25/7/53, Vol XXXVII.iv.1127; ara wkoll IlPulizija vs Giuseppe Schrainer, App Krim., 3/3/56". 8. Fis-sentenza li ccitat il-bran appena riprodott, Il-Pulizija vs Carmela German 30.12.2004, il-Qorti rriteniet ukoll is-segwenti: "Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggini – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, irrisposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal-"qerq", cioe' tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment minn naha l-ohra".

Kif gja nghad il-lenti tat-Tribunal huwa differenti minn dak tal-Qorti izda, fl-ahhar mill-ahhar, si tratta ta' ingann u ghalhekk il-konsiderazzonijiet li johorgu minn dawn il-giudikati ghandhom jinzammu f'mohh it-Tribunal – naturalment anki jekk si tratta ta' Ligijiet b'applikazzjoni diversa.

Mill-atti ma rrizulta mkien li l-applikant ipprova jipperpetwa xi forma ta' ingann fuq l-Awtorita'. Id-dokumentazzjoni massicca li giet minnu esibita sabiex turi l-istat legali tieghu huma prova bizzejjed dwar dan. Il-kwistjoni li setghet tinqala kienet wahda ta' interpretazzjoni ta' dawn id-dokumenti izda t-Tribunal hawn huwa tal-fehma li ma kien hemm ebda tentattiv ta' ingann permezz ta' fornitura ta' dokumentazzoni jew informazzjoni falza.

Is-sottomissjonijiet tal-partijiet juru bic-car li, bhal ma jigri fil-kamp civili, li jista jkun hemm elementi ta' interpretazzjoni li tista tiehdok naha jew ohra. Infatti l-partijiet, fuq l-istess dokumentazzjoni, waslu ghal konkluzzjonijiet divergenti! Il-fatt ta' din id-divergenza hija turija li certament ma jesiztux l-elementi ta' ingann kif fuq spjegati.

L-istess irid jinghad fil-kaz ta' negligenza, fis-sens li ma jirrizultax fattwalment li l-applikant b'mod negligenti ghamel uzu ta' xi informazzjoni falza. L-applikant gab a konjizzjoni tal-Awtorita' u tat-Tribunal id-dokumenti kollha li kellu a disposizzjoni tieghu u dawn juru li dak li qed jghid l-applikant, ossia li si tratta ta' fond korrettement indikat, kien minnu.

Ir-rikorrenti naturalment dejjem ghandu r-riserva ta' forum ohra fejn igib l-ilmenti tieghu IZDA ai finijiet tal-artikolu 77, il-bazi tar-rikors, it-Tribunal ma jarax li hemm l-estremi necessarji sabiex jigi dikjarat li l-applikant ipperpetwa xi forma ta' ingann fuq l-Awtorita.

Ghaldaqstant it-talba ghal revoka tal-permess PA 1831/15 ai finijiet tal-artikoli 77 tal-Kap 504 hija michuda.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. Il-hrug tal-permess PA1831/15 kien ibbazat fuq il-pretizi fatti kif allegati mill-applikant cioe li fil-1952 skond ir-registru elettorali kienu jabitaw fil-fond mertu tal-applikazzjoni cioe 1 Taflija Street, Xewkija certu Dolores u Michael Angelo Grima kif sostnuta minn Nutar Mariosa Grech prodotta mill-applikant. Tali kriterju ta' residenza kien importanti ghal valutazzjoni tal-applikazzjoni in vista ta' policies 6.2C u 6.3 tar-Rural Policy. Wara l-hrug tal-permess u wara ricerki ulterjuri maghmula mill-appellanti irrizulta li hemm fond iehor bl-istess indirizz fejn dan il-fond jihder li inbiegh mill-eredi tal-konugi Grima u li mhux ghalhekk l-istess fond mertu ta' din l-applikazzjoni approvata. Dan ifisser li d-dikjarazzjoni ta' residenza kif moghtija mill-applikant kienet zbaljata. Fil-mori tal-proceduri odjerni l-permit holder u l-appellanti pprezentaw provi dwar din il-kwistjoni jekk fil-fatt fil-fond li gie approvat ghall-izvilupp mitlub, kienx jirrisjedu persuni fih u l-permit holder ghamel allegazzjonijiet li nonostante dak dikjarat fil-permess approvat, xorta kien hemm terzi jirrisjedu fih. L-appellanti invece jikkontendu illi fil-fond de quo qatt ma irrisjedew nies. Dan wassal ghal dikjarazzjoni falza u inveritiera fil-permess kif approvat u japplikaw il-provvedimenti tal-artikolu 77 tal-Kap. 504, billi tali dikjarazzjoni kellha effett materjali

fuq l-approvazzjoni tal-permess. It-Tribunal zbalja meta qies it-titolu tal-permit holder pero naqas li jqis in-nuqqas ta' veracita tad-dikjarazzjoni maghmula li kienet materjali ghall-hrug tal-permess. Bl-istess mod it-Tribunal zbalja meta qies li dawn il-provi kienu jindikaw biss interpretazzjoni differenti billi hu manifestament car li d-dikjarazzjoni li fuqha iddecidiet l-Awtorita ghal hrug tal-permess kienet hazina tant li l-permit holder fil-kors ta' dawn il-proceduri ipprezenta provi bhal residenza minn certa familja Cauchi qabel il-gwerra, u dan meta ma kienx jezisti r-registru elettorali;

2. It-Tribunal zbalja meta ghamel referenza ghal principju tal-ligi kriminali dwar l-interpretazzjoni tal-kelma 'frodi'. Dan jinghad peress illi l-frodi hi gia ben definita fl-artikolu 77 tal-Kap. 504 u kellha tapplika t-tifsira li tinghata lil frodi fil-kamp civili.

**Eccezzjoni tal-Awtorita li t-terz interessat ma jistax jappella minn decizjoni tat-Tribunal bazata fuq l-artikolu 77 tal-Kap. 504**

Din il-kwistjoni hi wahda ta' indoli legali u ta' interess partikolari. Pero l-Qorti tqis li l-kwistjoni messha tqajmet meta t-terz interessat qajjem il-kwistjoni quddiem it-Tribunal. Mill-atti, la l-Awtorita u lanqas il-permit holder ma qajjem din il-pregudizjali preliminari izda minflok gie diskuss il-mertu tat-talba. Bla ebda pregudizzju ghal dak li jista' jew ma jistax jaghmel terz meta si tratta t-talba ghal revoka ta' permess a bazi tal-artikolu 77 tal-Kap. 504, din il-Qorti tqis li tkun ingustizzja manifesta li dak li l-partijiet hallew li jigi trattat fil-mertu quddiem it-Tribunal issa jsib ostakolu fil-fazi tal-appell. La darba l-partijiet ma qajmux ogggezzjoni ghas-smigh tat-talba fl-istadju quddiem it-Tribunal ma ghandhomx issa jrazznu lil Qorti milli tiddeciedi jekk dak deciz mit-Tribunal kienx legalment korrett jew le.

Ghalhekk l-eccezzjoni qed tigi michuda ghal din ir-raguni.

**L-aggravji mehudin flimkien**

Bla dubju ta' xejn dan l-appell jirrigwarda l-applikazzjoni korretta tal-artikolu 77 tal-Kap. 504 li jighd hekk:

> (1) L-Awtorità jew it-Tribunal jista', fil-kazijiet biss ta' Revoka u tibdil, frodi jew fejn is-sigurtà pubblika hija koncernata jew fejn ikun hemm zball f'dokument li jidher minn ezami tal-istess dokument, b'decizjoni tirrevoka jew tibdel kull

licenza jew permess ghallizvilupp moghti skont dan l-Att, inkluza kull awtorizzazjoni mahruga mill-Awtorità skont xi Ordni, filwaqt li fid-decizjoni taghti r-ragunijiet taghha ghal dik id-decizjoni; u, qabel ma tiddeciedi li tirrevoka jew tibdel licenzja jew permess ghall-izvilupp kif provdut f'dan is-subartikolu, l-Awtorità jew it-Tribunal, skont kif ikun il-kaz, ghandhom jgharrfu lil dik il-persuna li tkun se tintlaqat minn dik id-decizjoni bid-data u bil-hin tal-laqgha taghha fejn l-Awtorità jew it-Tribunal ghandhom jisimghu s-sottomissjonijiet ta' dik il-persuna jekk din taghzel li tattendi, u s-sottomissjonijiet ta' kull persuna ohra:
Izda l-Awtorità jew it-Tribunal jistghu f'kaz ta' kull licenza jew permess tal-izvilupp, inkluza kull awtorizzazzjoni mahruga mill-Awtorità skont xi Ordni, mahruga wara d-data ta' dhul fis-sehh ta' dan l-Att jibdew proceduri sabiex jirrevokaw jew jimmodifikaw dik il-licenza jew permess tal-izvilupp inkluza kull awtorizzazjoni mahruga mill-Awtorità skont xi Ordni, fi zmien hames snin middata tal-hrug tal-licenza jew permess tal-izvilupp, inkluza xi awtorizzazjoni mahruga mill-Awtorità skont xi Ordni.

(2) Ghall-fini tas-subartikolu (1):
"frodi" tfisser is-sottomissjoni lill-Awtorità ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li abbazi taghha l-Awtorità tkun harget licenza jew permess ghall-izvilupp meta dik l-informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta hija falza, qarrieqa jew mhux korretta, sew jekk dak l-ingann ikun irrizultat ta' att doluz jew negligenti:
Izda l-Awtorità ma ghandhiex tirrevoka jew tibdel licenza jew permess ghall-izvilupp fuq il-bazi ta' frodi fejn l-informazzjoni frawdolenti ma kellha l-ebda incidenza materjali fuq il-hrug tal-licenza jew permess ghall-izvilupp; u "zball f'dokument li jidher minn ezami tal-istess dokument" tfisser zball f'dokument li jidher minn ezami tal-istess dokument li ikun qed jikser il-ligi.

Jibda biex jinghad illi l-artikolu relevanti tal-ligi jaghti indikazzjoni u parametri cari ta' x'inhuma l-elementi li a bazi taghhom jista' jigi invokat dan l-artikolu. Dawn huma tlieta, alternattivi ghal xulxin u mhux kumulattivi. Il-ligi issemmi li permess jista' jigi revokat jew mibdul f'kaz ta' (1) <u>frodi</u>; (2) <u>sigurta pubblika</u>; (3) <u>zball f'dokument li jidher minn ezami tal-istess</u>. Il-ligi ma tiddefinix 'sigurta pubblika' pero tiddefinixxi l-qies taz-zewg elementi l-ohra li huma dawk li jikkoncernaw dan l-appell. Kuntrarjament ghal dak kunsidrat mit-Tribunal fuq it-tifsira tal-kelma 'frodi' fil-kamp kriminali, fil-fehma tal-Qorti dan hu irrelevanti billi hawn qeghdin fil-kamp civili/amministrattiv fejn persuna jew entita qed titratta ma' amministrazzjoni pubblika ghall-ghoti ta' licenzja, awtorizazzjoni jew permess. Aktar minn hekk pero l-ligi stess fis-subartikolu 2 tal-istess artikolu 77 taghti definizzjoni tal-kelma 'frodi'. Din id-definizzjoni, maghmula appozitament ghall-iskop li jservi l-artikolu 77 ghandu jidderigi lil gudikant ghal konsiderazzjoni u konkluzzjoni tal-mertu tal-azzjoni odjerna. Il-kelma frodi tfisser is-sottomissjoni da parti tal-applikant ta' (a) informazzjoni; (b) dikjarazzjoni; (c) pjanta li

a bazi taghha jkun inhareg il-permess u dan meta wahda jew aktar mit-tlett provi alternattivi jirrizultaw bhala foloz, qarrieqa jew mhux korretti sew jekk l-ingann ikun rizultat ta' att doluz jew negligenti. In kwantu ghal 'zball f'dokument li jidher minn ezami tal-istess' il-ligi tispjega li tali zball ikun qed jikser il-ligi.

B'dawn il-parametri cari, dak li kellu jezamina t-Tribunal hu jekk l-allegazzjoni maghmula mill-appellant cioe dikjarazzjoni zbaljata, liema dikjarazzjoni kellha effett materjali fuq id-decizjoni, gietx pruvata u dan b'referenza ghall-hrug tal-permess PA1831/15. Din kienet il-limitu tal-vertenza sottomessa lit-Tribunal. Ghalhekk hu car illi l-azzjoni kienet impostata fuq ir-revoka tal-permess a bazi ta' frodi kif mfissra fl-artikolu 77 tal-Kap. 504.

Il-Qorti taghmilha cara li ma taqbel xejn mar-ragunament legali lit-Tribunal dwar kif applika l-interpretazzjoni tal-kelma 'frodi' fil-konsiderazzjonijiet tieghu. Hu jghid illi l-applikant ma ipprovdiex informazzjoni zbaljata jew qarrieqa. Izid li l-ligi tuza l-kelma ingann b'sinifikat li twassal ghal certu ragunament minhabba s-sembjanzi mat-truffa fil-ligi kriminali. Din il-Qorti tqis illi t-tifsira tal-kelma 'frodi' skond artikolu 77(2) hi hafna aktar wiesa milli ikkonsidraha t-Tribunal. Il-ligi titkellem fuq informazzjoni 'mhux korretta' b'distinzjoni minn informazzjoni falza u qarrieqa u meta jsemmi 'ingann' dan l-ingann qed jirreferi ghal mod kif l-Awtorita u/jew it-Tribunal ikunu gew zvijati minhabba l-informazzjoni li in fin dei conti tista' tkun biss 'inkorretta' u mhux necessarjament qarrieqa jew falza, anki jekk, u hawn il-Qorti tenfasizza, jekk l-inkorrettezza tkun ir-rizultat tan-negligenza tal-applikant fil-produzzjoni ta' tali provi.

Il-Qorti tqis li l-enfasi fuq il-kelma 'ingann' intefa' kollu fuq l-applikant mentri qari tad-dicitura kollha tal-artikolu u mhux biss parti specifika, juri li l-kelma 'ingann' qed tirreferi ghall-induzzjoni da parti tal-Awtorita ghal konkluzjoni zbaljata fuq informazzjoni li setghet kienet biss zbaljata kawza tan-negligenza tal-applikant fil-prova prodotta, liema prova trid tkun materjali ghal hrug tal-permess.

Dawn fil-fehma tal-Qorti kellhom ikunu l-ewwel kunsiderazzjonijiet ta' natura legali li kellu jaghmel it-Tribunal. It-Tribunal pero sahaq fuq l-'ingann' bhala xi att premeditat tal-applikant biex jipprovdi informazzjoni zbaljata jew qarrieqa biex jinduci lil Awtorita

tohrog il-permess. Dan mhux dak li qed tghid il-ligi u l-kelma uzata 'negligenti' hi prova ta' dan. Di piu l-Qorti ma tistax imbaghad tikkondividi l-premessa l-ohra legali li ghamel it-Tribunal li l-provi prodotti cioe d-'dokumentazzjoni massicca' kif deskritta minnu hi wahda ta' interpretazzjoni tad-dokumenti li tista' tiehdok naha jew ohra. Din kienet kunsiderazzjoni legali zbaljata tat-Tribunal. It-Tribunal kellu jzomm quddiem ghajnejh li t-talba tal-appellant kienet cara cioe jekk id-dokumentazzjoni esebita mill-permit holder ghal hrug tal-permess li juri li l-fond kien jintuza bhala residenza kinitx inkorretta u jekk dan jirrizulta, jekk dan kienx il-frott ta' att frawdolenti jew negligenti u f'kaz pozittiv, jekk tali dokumentazzjoni kienux materjali ghal hrug tal-permess. It-Tribunal zbalja meta qies li provi divergenti da parti tal-permit holder u l-appellant kienu jindikaw nuqqas ta' ingann. In oltre kompla jizbalja li meta ipprova jinterpreta l-element tan-negligenza hu allacja dan l-element ma' uzu ta' informazzjoni falza. Il-ligi ma tesigix bhala sine qua non ghall-element ta' negligenza l-falsita tal-informazzjoni izda anki l-inkorrettezza u jekk tali inkorrettezza kinitx ir-rizultat ta' negligenza cioe n-nuqqas tal-ezercizju ta' dik il-kura u diligenza ragonevoli li l-ligi tirrekjedi minn persuna ta' prudenza ghal protezzjoni u interessi ta' terzi u li b'dan in-nuqqas it-terzi jistghu jigu pregudikati b'dan in-nuqqas. It-terzi f'dan il-kaz hi s-socjeta in generali li l-Awtorita obbligata tipprotegi bl-applikazzjoni koretta tal-pjanijiet, ligijiet u policies tal-ippjanar. It-Tribunal ikkonfonda wkoll id-dokumenti ipprezentati f'dan il-process ma' dak prezentat ghall-approvazzjoni tal-permess u ikkonkluda, bla ebda raguni ta' sostenn ghal dan, illi dak li kien qed isostni l-applikant kien minnu.

L-appellant ghandu ragun fl-aggravji tieghu fuq punti ta' principji legali. Din il-Qorti mhix ser tidhol hi biex tikkunsidra jekk dak li sostna fl-applikazzjoni approvata giex sostnut f'din il-vertenza. Din hi kwistjoni ta' fatt li t-Tribunal irid jidhol fiha mhux bhala kwistjoni ta' interpretazzjoni izda bhala l-bazi li fuqha wiehed irid jibda biex jikkonkludi jekk il-permess inharigx fuq informazzjoni li mill-assiem tal-provi f'din il-vertenza irrizultat inkorretta jew falza. Dan qed jinghad biex il-partijiet ikollhom il-fakolta tad-doppio esami bl-access ghal din il-Qorti. F'kaz ta' sejbien ta' inkorrettezza jew falsita, it-Tribunal irid jara jekk il-permit holder, tenut kont tal-provi, kienx negligenti fis-sens li trid il-ligi kif spjegat f'din is-sentenza li f'kaz li dan jirrizulta wkoll, it-Tribunal irid jara jekk tali informazzjoni kinitx materjali ghal hrug tal-permess. Jekk ir-rizultat ikun fl-affermattiv, hu l-obbligu tat-Tribunal li jirrevoka l-permess u dan ghax hekk ghandu

jigi interpretat l-artikolu 77 li ma jhalli ebda fakolta li t-Tribunal jew il-Qorti tqis il-fatti prodotti f'din il-vertenza bhala applikabbli ghal permess u zbalji kommessi hemm ghandhom jigu sostitwiti b'fatti ohra f'din il-vertenza. Dan irid isir b'applikazzjoni gdida b'fatti korretti.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tqis illi fil-limiti ta'dak deciz l-aggravji tal-appellant ghandhom jigu milqugha u ghalhekk fil-waqt li tichad l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita, qed tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-27 ta' Gunju 2017, u tibghat l-atti lura lit-Tribunal biex jerga jisma' l-appell mill-gdid. Spejjez ghall-appellati in solidum.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur